

Brussell, 30 ta' Awwissu 2023  
(OR. en)

12502/23

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0306(NLE)**

---

---

**AGRILEG 168**  
**DENLEG 40**  
**FOOD 63**  
**PESTICIDE 41**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 499 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda l-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għat-triċiklażol f'ċerti prodotti jew fuqhom

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 499 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 499 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.8.2023  
COM(2023) 499 final

2023/0306 (NLE)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda l-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għat-triċiklazol f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jistabbilixxi, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002, b'mod partikulari l-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur u dispożizzjonijiet armonizzati tal-Unjoni dwar livelli massimi (MRLs) ta' residwi ta' pestiċida fi u fuq l-ikel u l-għalf li joriġinaw minn pjanti u annimali. Dan ir-Regolament jirrikonoxxi li għall-ikel u l-għalf prodotti barra mill-Unjoni, jistgħu jiġu applikati b'mod legali prattiki agrikoli differenti fir-rigward tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li xi drabi jirriżultaw f'residwi ta' pestiċida differenti minn dawk li jirriżultaw mill-użu applikat b'mod legali fl-Unjoni. Għalhekk, jipprevedi l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għall-iffissar tal-MRLs għall-prodotti importati (jiġifieri t-tolleranzi tal-importazzjoni) billi tipprovdi fajl xjentifiku komprensiv li jqis dawn l-użi u r-residwi li jirriżultaw u li jiġi evalwat minn Stat Membru u mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-MRL li tkun saret applikazzjoni għalih, dment li s-sikurezza għall-Konsumaturi Ewropej tkun intweriet bl-użu tal-istess kriterji bħal fil-prodotti domestiċi.

F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-Italja rċeviet applikazzjoni biex tistabbilixxi tolleranza tal-importazzjoni għas-sustanza attiva triciklazol fir-ross.

Fis-26 ta' April 2018, l-Italja bagħtet rapport flimkien mal-evalwazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni lill-EFSA.

Fit-18 ta' Jannar 2023, l-EFSA adottat opinjoni motivata favorevoli dwar l-evalwazzjoni tas-sikurezza tal-MRL modifikat propost għat-triciklazol fir-ross<sup>1</sup>. Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet abbozz ta' Regolament lill-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (SCoPAFF) biex jimmodifikaw l-MRL rilevanti tal-Unjoni skont dan.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-approċċ segwit huwa konsistenti mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

### 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi Ġuridika**

F'konformità mal-opinjoni motivata favorevoli adottata mill-EFSA u bbażata fuq l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, tnejja abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni u ġie ppreżentat lis-SCoPAFF (ara l-Kapitolu 1). Skont l-Artikolu 45(4) ta' dak ir-Regolament, il-proċedura regolatorja tapplika bi skrutinju skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468.

---

<sup>1</sup> EFSA 2023. Reasoned opinion on the setting of import tolerance for tricyclazole in rice. (Opinjoni motivata dwar l-istabbiliment tat-tolleranza tal-importazzjoni għat-triciklazol fir-ross.) EFSA Journal 2023;21(1):7757. <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2023.7757>

- **Għażla tal-istrument**

L-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq li jipproponi l-modifika tal-MRL għat-triċiklażol fir-ross tressaq għal opinjoni quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf, fil-11 ta' Mejju 2023. Il-Kumitat ma tax opinjoni dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni, peress li ma ntlaħqitx maġġoranza kwalifikata la favur u lanqas kontra l-miżuri proposti.

Konsegwentement, skont l-Artikolu 5a tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, il-Kummissjoni qed tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament abbozz ta' Regolament tal-Kunsill relatat mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq il-miżura proposta b'maġġoranza kwalifikata fi żmien xahrejn mid-data ta' meta din tkun ġiet irriferita lill-Kunsill jopponi l-miżura b'maġġoranza kwalifikata, il-miżura m'għandhiex tiġi adottata. Jekk il-Kunsill jipprevedi li jadotta l-miżura, huwa għandu jressaqha bla dewmien quddiem il-Parlament Ewropew. Fin-nuqqas ta' opinjoni tal-Kunsill, ir-Regolament jintbagħat lura lill-Kummissjoni li għandha tippreżentah mingħajr dewmien għall-iskrutinju tal-Parlament Ewropew. Jekk il-Parlament ma jopponix il-miżura, din tal-aħħar għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Jekk il-Parlament jopponi l-miżura, din ma għandhiex tiġi adottata mill-Kummissjoni.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Ma huma previsti l-ebda evalwazzjonijiet ex post, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjonijiet tal-impatt għal dan ir-Regolament fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Ir-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit.

### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Dan ir-Regolament jipprevedi modifika tal-MRL eżistenti għat-triċiklażol fir-ross, li tgħollih mil-limitu ta' determinazzjoni stabbilit għal 0,01 mg/kg għal livell ta' 0,09 mg/kg, abbażi ta' opinjoni xjentifika mill-EFSA. B'dan il-mod, l-MRLs għat-triċiklażol, li bħalissa huma stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, se jitmexxew għall-Anness II ta' dak l-istess Regolament.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda l-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għat-triċiklazol f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Għat-triċiklazol, il-livelli massimi ta' residwu ("MRLs") ġew stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Tressqet applikazzjoni għat-tolleranzi tal-importazzjoni skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għat-triċiklazol użat fuq ir-ross fil-Brażil. L-applikant isostni li l-użi awtorizzati ta' dik is-sustanza fuq għalla bħal din fil-Brażil iwasslu għal residwi oġhla mill-MRL previst fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 u li jeħtieġ li jkun hemm MRL oġhla biex jiġu evitati l-ostakoli kummerċjali għall-importazzjoni ta' dik l-għalla.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, din l-applikazzjoni ġiet evalwata mill-Istat Membru kkonċernat u r-rapport ta' evalwazzjoni ntbagħat lill-Kummissjoni.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, ("l-Awtorità") ivvalutat l-applikazzjoni u r-rapport tal-evalwazzjoni, filwaqt li eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjoni motivata dwar l-MRL propost<sup>2</sup>. L-Awtorità għaddiet dik l-opinjoni lill-applikant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u ppubblikatha.
- (5) L-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-kompletezza għat-tressiq tad-*data* għall-prodott ikkonċernat ġew issodisfati, u li abbażi ta' valutazzjoni tal-

<sup>1</sup> ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

<sup>2</sup> Reasoned opinion on the setting of import tolerance for tricyclazole in rice. (Opinjoni motivata dwar l-istabbiliment tat-tolleranza tal-importazzjoni għat-triċiklazol fir-ross.) EFSA Journal 2023;21(1):7757.

esponent tal-konsumaturi għal 27 grupp speċifiku Ewropew tal-konsumaturi, il-modifika tal-MRL mitluba mill-applikant kienet aċċettabbli mil-lat tas-sikurezza tal-konsumatur. L-Awtorità qieset l-aktar informazzjoni riċenti dwar il-proprjetajiet tossikoloġiċi tas-sustanza, li ma kinitx disponibbli qabel u ġiet ipprovduta biss mal-applikazzjoni kkonċernata. La l-esponent tul il-ħajja għal dik is-sustanza mill-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom dik is-sustanza, u lanqas l-esponent għal perjodu qasir minħabba l-konsum għoli tal-prodotti rilevanti ma wera li kien hemm riskju li jinqabeż il-konsum aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.

- (6) Abbażi tal-opinjoni motivata tal-Awtorità, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, jixraq li jiġi konkluż li l-modifika proposta tal-MRL tissodisfa r-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stipulat mill-President tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jiġu adottati mill-Kunsill,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*